# Aktar minn terz tal-imnasab din il-ħarifa huma illegali

## L-art okkupata minn imnasab fil-kampanja Maltija dan l-istaġun hi ikbar mid-daqs tal-Belt Valletta

Aktar minn terz tal-imnasab li qed jintużaw tul dan l-istaġun tal-insib fil-ħarifa mhumiex reġistrati u huma illegali, waqt li l-kumplament tas-siti permessi mill-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) f'siti Natura 2000 possibbilment imorru kontra r-regolamenti għall-ħarsien tal-ħabitats.

BirdLife Malta u l-Kumitat Kontra l-Qtil tal-Għasafar (CABS) illum qed jiżvelaw ir-riżultati ta' stħarriġ separat li għamlu tul l-istaġun tal-insib tal-2016, wara diversi rapporti li tressqu quddiem l-awtoritajiet tal-infurzar dwar numru ta' siti tal-insib madwar Malta u Għawdex. Dawn ir-riżultati jsegwu sejħa li saret aktar kmieni miż-żewġ organizzazzjonijiet kontra l-użu rampanti ta' apparat illegali al-għajjat elettroniku tul l-istaġun tal-insib.

Is-*surveys* saru permezz ta' titjiriet fuq il-kosta li matulhom ittieħdu ritratti mill-ajru ta' mnasab attivi tul l-irdumijiet mal-kosta; li l-maġġoranza tagħhom huma siti li ġew iddikjarati parti min-netwerk Natura 2000 minħabba l-ħabitats importanti li għandhom. Wara li l-postijiet fejn ġew identifikati l-imnasab ġew imqabblin maz-zoni mmarkati bħala ħabitat protett mill-Awtorità Maltija tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA), kemm BirdLife Malta kif ukoll il-CABS għamlu rapporti lid-WBRU li fihom esprimew dubji serji dwar il-legalità ta' dawn is-siti.

**Minn total ta' 106 siti li tressqu minn BirdLife Malta, id-WBRU wieġbet li 49 ma kinux reġistrati (46%). Min-naħa tagħha l-CABS ressqet b'mod separat rapporti dwar 73 sit lid-WBRU u rċeviet notifika li 19 minn dawn ma kinux reġistrati (26%). Il-maġġor parti ta' dawn instabu fuq ħabitat li huwa xagħri protett. Dan ifisser li 68 sit minn total ta' 179 mhumiex reġistrati u għalhekk huma illegali (38%).**

Is-siti ġew irrappurtati wkoll lill-Pulizija u lill-ERA, imma minkejja r-rapporti li saru s-siti kollha li ġew iċċekkjati mill-ġdid mill-CABS fl-aħħar ta' Novembru kienu għadhom qed jintużaw għall-insib. Sussegwentement, BirdLife Malta talbet lill-ERA twieġeb x'azzjoni ta' infurzar qed tittieħed f'dawn il-postijiet. L-ERA wieġbet li din hi materja li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Korp tal-Pulizija. Waqt l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Ornis, id-WBRU iddikjarat li sal-15 ta' Diċembru l-pulizija kienu ressqu biss tliet każi

ta' użu illegali ta' mnasab, waqt li l-ERA min-naħa tagħha qalet li kienet ħadet azzjoni fuq sit wieħed biss f'Għawdex.

L-istaġun tal-insib jibqa' miftuħ sal-31 ta' Diċembru. Skont ir-Regolamenti dwar il-Flora, il-Fawna u l-Ħabitats Naturali li permezz tagħhom id-Direttiva Ewropea dwar il-Ħabitats saret parti mil-liġi ta' Malta, kull attività f'sit Natura 2000 tirrikjedi permess. Mistoqsijiet li għamilna lill-ERA dwar id-danni kkaġunati mill-insib f'siti Natura 2000 lil dawn il-ħabitats u jekk dawn l-imnasab humiex koperti bil-permessi neċessarji s'issa għadhom ma ġewx imwieġba.

Bħalissa hawn 6,351 mansab li qed jintużaw bil-barka tad-WBRU, b'kull wieħed minn dawn kapaċi jieħu żewġt ixbieki tal-insib (*clap nets*) għal kull nassab. Id-daqs minimu għal kull xibka hu ta' 38 metru kwadru li jfisser li l-art totali madwar il-Gżejjer Maltin okkupata minn dawn ix-xbieki tul l-aħħar staġun kienet tammonta għal mill-inqas 482,676 metru kwadru jew 48 ettaru. Fir-realtà, l-art meħuda għal imnasab probabbli tammonta għal 78 ettaru jekk wieħed iqis li 38% tas-siti lanqas biss huma reġistrati (medja meħuda mill-istima ta' BirdLife Malta u l-CABS). Jekk wieħed jagħmel il-paraguni, dan ifisser zona fil-kampanja Maltija okkupata minn imnasab li hi ikbar mid-daqs tal-Belt Valletta (55 ettaru).

L-istaġuni tal-insib li hawn miftuħin bħalissa huma tnejn, u dawn infetħu bis-saħħa ta' żewġ derogi mid-Direttiva Ewropea tal-Għasafar. L-istaġun tal-insib għall-għasafar tal-għana bi 3,132 nassab reġistrat qed jiġi kontestat mill-Kummissjoni Ewropea li ħadet lil Malta quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Malta kienet qablet li gradwalment telimina l-insib għall-għasafar tal-għana u dan ma jibqax permess wara l-2009, imma fl-2014 il-gvern reġa' applika d-deroga u fetaħ l-istaġun filwaqt li saħanistra ppermetta r-reġistrazzjoni ta' liċenzji ġodda tal-insib.

L-istaġun tal-insib għall-Pluviera u l-Malvizz hu permess bis-saħħa ta' deroga separata li bħalissa għaliha huma liċenzjati 997 nassab. Dan l-istaġun tal-insib ukoll hu soġġett għal Proċedura ta' Ksur (*Infringement Procedure*) u l-Kummissjoni Ewropea ħarġet żewġ twissijiet formali lil Malta bejn l-2011 u l-2012, u b'mod partikolari ġibdet l-attenzjoni għall-preżenza illegali ta' mnasab għall-għasafar tal-għana f'siti Natura 2000.

Ir-reġistrazzjonijiet għal-liċenzji u għall-imnasab jiġu ċċekkjati mid-WBRU li suppost tkun għamlet skrutinju ta' kull applikazzjoni skont il-kriterji stipulati mil-liġi (Regolamenti għall-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi). L-applikazzjonijiet ma jiħdux inkonsiderazzjoni ta' min hi l-art, b'siti reġistrati sew fuq art privata kif ukoll pubblika.

**Il-kelliem tal-CABS Axel Hirschfeld saħaq:** "M'għandna l-ebda fiduċja fid-WBRU li tipprovdi l-infurzar li hemm bżonn minħabba nuqqas ta' kompetenza teknika u kunflitt ta' interess minħabba li din hija responsabbli wkoll mill-applikazzjoni tad-deroga u mill-ħruġ tal-liċenzji."

**Il-Conservation Manager ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara sostna:** "Id-WBRU awtorizzat il-ftuħ tal-istaġun mingħajr ma għandha struttura ta' infurzar li kapaċi tlaħħaq mal-eluf ta' liċenzji tal-insib li hi stess awtorizzat. Dan wassal għal nuqqas ta' superviżjoni stretta, b'ammont sostanzjali ta' mnasab illegali u mhux reġistrati, u agħar minn hekk possibbilment mingħajr il-permessi neċessarji biex jiġu armati f'siti Natura 2000 għad-detriment ta' dawn iz-zoni ta' importanza ekoloġika. L-infurzar

tħalla wkoll f'idejn l-ALE u l-Pulizija ta' Għawdex li fl-istess ħin huma responsabbli li jinfurzaw l-istaġun tal-kaċċa u għalhekk huma ristretti fir-riżorsi. Aktar minn hekk, jidher li l-ERA mhix qed tintalab tintervjeni mid-WBRU."

Kemm BirdLife Malta u l-CABS huma tal-fehma li dan kollu juri l-ħtieġa ta' awtorità ċentrali responsabbli mill-infurzar ambjentali minflok ikollna sitwazzjoni fejn l-infurzar hu maqsum bejn id-WBRU u l-ERA – bl-id ix-xellugija tapprova mnasab f'siti ekoloġikament sensittivi li l-id il-leminija suppost qed tissorveljahom u tħarishom. Iż-żewġ derogi tal-insib, sena wara sena, qed iwasslu għal qerda mifruxa ta' ħabitats protetti f'siti Natura 2000 li l-awtoritajiet jidher li mhumiex kapaċi jinfurzaw jew jikkontrollaw.

**Risposta għall-istqarrija tal-Gvern dwar l-użu illegali ta' apparat tal-għajjat elettroniku**

F'reazzjoni għall-istqarrija tas-Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali li l-użu illegali ta' apparat tal-għajjat elettroniku naqas b'60% fuq il-livelli ta' qabel l-2013, maħruġa fid-19 ta' Diċembru, BirdLife Malta twieġeb li s-Segretarju Parlamentari Roderick Galdes mhux korrett meta mill-kumdità tal-uffiċċju tiegħu jiddikjara li dawn naqsu. Għax għall-kuntrarju, din is-sena dan l-apparat instema' madwar Malta u Għawdex kollha, inkluż billejl. Galdes wasal ukoll għal konklużjoni żbaljata meta qal li għax kien hemm inqas kundanni ta' ħtija, allura kien hemm tnaqqis. It-tnaqqis fl-ammont ta' nies li nstabu ħatja juri biss nuqqas fir-rieda u r-riżorsi biex titħaddem strateġija ta' infurzar kif suppost biex tiġġieled l-illegalitajiet.

Fil-proċess imħaddem mill-awtoritajiet tal-gvern biex jiġi identifikat il-ksur tal-liġi jispikkaw in-nuqqas ta' volontà u r-riżorsi umani. Id-dikjarazzjoni li "hu diffiċli loġistikament li ssib u żżarma apparat illegali tal-għajjat elettroniku billejl" hija xhieda oħra ta' kemm l-awtoritajiet tal-infurzar bħalissa m'għandhom saħħa ta' xejn. Bl-istess mod, kull konklużjoni marbuta mal-ammont ta' arresti mwettqa mill-Pulizija ma tirrifletti bl-ebda mod li dawn l-illegalitajiet qed jonqsu.

Anke għall-CABS, it-tnaqqis fil-kundanni hu biss prova li l-ALE saret inqas effettiva. L-argument li għax naqsu l-kundanni jfisser li naqas l-użu ta' dan l-apparat ma jagħmel l-ebda sens. Għall-kuntrarju, l-ammont ta' apparat tal-għajjat elettroniku għall-Pluvieri fil-kampanja u l-każi ta' nsib matul il-lejl immultiplikaw fl-aħħar snin. "Issa jew Roderick Galdes qed jgħix fis-sħab, inkella qiegħed apposta jipprova jċekken il-problema biex jiddevja mill-falliment totali tal-gvern li jikkontrolla l-insib illegali," temm jgħid Axel Hirschfeld.

**TMIEM**

**Nota għall-edituri:**

- Il-Wild Birds Regulation Unit (WBRU) hi l-entità tal-gvern li tirrapporta l-applikazzjoni tad-derogi tal-insib u l-kaċċa lill-Kummissjoni Ewropea, u li għalhekk hi responsabbli li tara li jkunu qed jitħaddmu kif suppost il-kundizzjonijiet tad-derogi f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni u l-infurzar.
- L-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) hi l-entità tal-gvern responsabbli mill-ħarsien tal-ħabitats u tas-siti Natura 2000 madwar Malta. L-awtorità tesiġi li speċjalment f'siti Natura 2000, kull attività tkun koperta b'permess ambjentali li normalment tagħmel skrutinju tiegħu biex tiżgura li dawn l-attivitajiet ikunu sostenibbli u ma jkunux qed jagħmlu ħsara lill-ħabitat naturali f'dawn is-siti meqjusin bħala ta' prijorità.

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli:**
L-aħħar twissija mill-UE dwar id-deroga għall-insib tal-Pluviera u l-Malvizz:
http://europa.eu/rapid/press-release_IP-12-171_en.htm?locale=en

Il-każ li ressqet il-Kummissjoni Ewropewa quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fuq l-insib tal-għasafar tal-għana:
http://europa.eu/rapid/press-release_IP-15-5658_en.htm

Ir-risposta tal-Gvern għall-istqarrija ta' BirdLife Malta dwar l-użu illegali ta' apparat tal-għajjat elettroniku għall-insib:
https://www.gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Pages/2016/December/19/PR162922.aspx

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/T8D8UBRgll**

1. Ritratt mill-ajru meħud fl-14 ta' Novembru 2016 fuq iz-Zona Speċjali ta' Konservazzjoni (Natura 2000) magħrufa bħala Il-Qortin tal-Magun u li turi erba' mnasab tal-għasafar tal-għana (biċ-ċirku aħmar) f'ħabitat magħmul mix-xagħri. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
2. Ritratt mill-ajru meħud fl-14 ta' Novembru 2016 fuq l-irdumijiet mal-kosta tal-Baħrija li juri konċentrazzjoni għolja ta' mnasab għall-għasafar tal-għana tul il-kosta f'sit Natura 2000. (Ritratt ta' BirdLife Malta)

**Niżżel il-filmat minn hawn: https://we.tl/rrsWst76Aq**

- Filmati miġbudin mill-ajru li juru għadd ta' mnasab madwar Malta u Għawdex, ħafna minnhom f'siti Natura 2000 (Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Iryna Lukashuk)